*"Fil-Lsien Malti l-ġieh tan-Nazzjon Maltija"*

L-EWWEL KTIEB
TAS-SITTAX-IL SENA

MARZU
1940

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

X'FIH DAN IL-GĦADD

Il-lum ma għandhomx skuża—Il-mewt ta' l-Avukat Ġużè Micallef, LL.D., F.R.H.S. (A. Cremona) — Tfajliet (Dun Karm) — Ħsibijiet imxerrda (Erin Serracino Inglott)—Il-Mastrudaxxa—Nemmen... (Ġ. Chetcuti) — En passant (A. C.)—In Novella—(Ġ. Mallia) Bibliografija.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IS-SITTAX-IL SENA 1940

MALTA
EMPIRE PRESS
1940

## *IL-KUMITAT IL-ĠDID*

## *TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

---

Fil-10 ta' Marzu, '40, f'laqgħa ġenerali li saret fil-Palazz de la Salle, il-Belt, ingħażel dan il-Kumitat għas-snin 1940-41:

Presidenti Onor:

Dr. Alb. V. Laferla, LL.D., O.B.E.

Prof. Dun P.P. Saydon, B.LITT., BL.CAN., D.D., LIC.S SCRIPT.

Viċi-President Onor:

Mons. Dun P. Galea, J.C.D.

President: Prof. Mons. Dun Karm Psaila

Viċi-President: Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

Segretarju: Is-Sur Ġużè Chetcuti

Kaxxier: In-Nutar A. Buttigieg, B.A.

Membri:

Prof. Ġużè Aquilina, B.A. LL D., PH.D.; is-Sur N. Biancardi; Dr. Ġużè Bonnici, B.SC., M.D.; Patri W. Born, O P.; is-Sur F. S. Caruana; is-Sur Nin Cremona; is-Sur M. Kissaun; is-Sur Ġ. Pisani; u s-Sur Ġ. J. Ransley.

---

F'laqgħa tal-Kumitat li saret fil-20 ta' Marzu, ingħażlu dawn is-Sinjuri sabiex jieħdu ħsieb it-tmexxija tar-rivista "*Il-Malti*":

Direttur: Prof. Mons. Dun Karm Psaila.

Asst.-Direttur: Is-Sur Ġużè Chetcuti.

Amministratur: In-Nutar A. Buttigieg, B.A.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1940


## IL-LUM MA GĦANDHOMX SKUŻA

Qalulna: Qatt ma konna nobsru li l-Malti hu sabiħ daqshekk, u li jista' jfisser hekk tajjeb il-ħsebijiet kollha tal-moħħ u t-tqanqil kollu tal-qalb mingħajr ebda tiġbid u mingħajr ebda nuqqas.

Sa ftit ilu, meta kienu jfaħħrulna l-Malti, aħna konna nistħajlu li qegħdin ikellmuna fuq xi dehra fantastika li ma hix sabiħa ħlief bħala ħolma; jekk ukoll ma kienx igħaddilna minn rasna xi ħsieb ieħor li ma hux ta' xejra letterarja.

Il-lum biddilna fehmitna: lill-Malti sirna nħobbuh, u nistħu li ma għarafniehx u ma ħabbejniehx aktar kmieni: u bdejna nħossu demmna bħal jisħon, meta nisimgħu lill min imaqdru.

—Staqsejna : X'kien li ġagħalkom tbiddlu l-fehma tagħkom fuq il-Malti, hekk li sirtu tħobbuh u tixtiequ tħarsuh ukoll minn kull dnewwa ?

—Wiġbuna : Ma konniex għarafnieh, għaliex, ngħidu s-sewwa, qajla kien hemm xi jħajjarna. Issa li ġew f'idejna, f'sura ta' kotba, u kotba kif jixraq,

poeżijiet maħdumin bis-sengħa, li fihom xi drabi l-ħeġġa taż-żgħużija, u xi drabi l-għaqal tar-rġulija; fejn il-kelma ħelwa tiltewa mal-ħsieb bħalma ħajta tad-deheb tiltewa fil-filigranu, u taraha issa bħal farfett imżewwaq tittajjar fuq il-ġmiel tar-raba', tal-ġonna, u tal-baħar, u issa bħal nemes tidħol sa fil-għerien tal-qalb u tal-moħħ, leħħ ġewwa ruħna bħal dawl sabiħ, li kien għandna, imma kien moħbi, u tgħaxxaqna. Meta mbagħad ġew f'idejna xi rumanzi miktubin minn min jaf x'jikteb u jaf sewwa l-għodda biex ifisser dak lı jaf, rajna ċar illi l-Malti għandu dak kollu li għandhom ilsna oħra, rajna l-ġid li jista' jagħmel u ħabbejnieh, u għax ħabbejnieh nibżgħu għalih u nixtiequ nħarsuh minn kull ħsara.

*

Tħaddtu fil-ħaqq u fis-sewwa. Sakemm ma kinux raw x'jista' jagħmel il-Malti ma kellhomx ħtija li żammewh biss bħala għodda għall-ħtiġiet ta' kulljum, biex wieħed jinqeda bih fit-taħdit tad-dar, fil-ħwienet tax-xiri u tax-xogħol, u fit-talb: imma issa li l-Malti ġie f'tiegħu u qiegħed juri li hu ħaġa tajba bħalma huma l-ilsna ta' ħaddieħor, ma jistax wieħed jiskuża ruħu mid-dnub.

Dawk li ma jagħarfux u ma jħobbux il-lsien Malti, li hu l-lsien tagħhom, illum ma għandhomx skuża.

# IL-MEWT TA' L-AVUKAT

# ĠUŻE' MICALLEF, LL.D., F.R.H.S.

Bil-mewt ta' l-Avukat Ġużè Micallef il-Għaqda tagħna tilfet wieħed mill-membri ewlenin u kbar tagħha u l-Lsien Malti wieħed mill-aqwa għorrief tiegħu li qatt sata' jkollna fil-Gżira f'dan is-seklu — wieħed mill-imħuħ li wara Napuljun Tagliaferro, fetaħ fostna l-bieb ta' l-istudju filoloġiku tal-Malti fuq sisien tax-xjenza moderna, wieħed li minn mindu kien għadu kif rifes l-għatba ta' l-Istudji Universitarji sa l-aħħar ta' ħajtu, ħsiebu u qalbu baqgħu marbutin mal-Malti u ma' l-Ilsna qodma li minnhom tnissel il-Malti jew li magħhom il-Malti hu msensel fl-arblu ta' l-Ilsna Semitiċi.



Lil ħabibi ĠUŻÈ MICALLEF jiena sirt nafu fl-1913 meta kien għadu student universitarju fil-Kors tal-Letteratura u jien kont għadni kif bdejt inħarbex xi għanjiet maltin fil-"Ħabib", u r-rabta tagħna ta' ħbiberija nbdiet sewwa sewwa meta huwa għoġbu jikteb b'ismi l-poeżija tiegħu "F'Siegħa ta' Dieka Obira" li dehret fil-"Ħabib" tat-3 ta' Ġunju, 1913, fejn sejjaħli "qaribu", la naf ried igħid *qaribu* fid-demm u fin-nisel għawdxi u lanqas bħala aħwa fl-imħabba bikrija tagħna għall-Malti. Dik il-ħabta l-Avukat Micallef kellu 22 sena. Fil-ftit versi maltin li

kiteb wera l-ewwel xrariet ta' moħħ mogħti iktarx għaxxjenza milli għas-sura letterarja tal-kliem; u l-iktar li wrieha din ix-xeħta bikrija tiegħu f'polemika li kien qabad mal-Professur tiegħu tal-Letteratura latina u taljana fil-kolonna taljana tal-"*Malta Herald*" ta' l-20 u l-24 ta' Jannar 1916, taħt in-*nom de plume* ta' *Malet* fuq in-nisel ta' xi kliem malti li l-Professur ried igħid li ġej mit-Taljan (Ara l-*Malta* tat-22 u tad-29 ta' Jannar 1916). Fl-artikoli tiegħu l-istudent Micallef kien wera, jekk mhux għerf sod ta' filoloġija komparativa, għallinqas studju sod ta' prinċipji ta' morfoloġija maltija.

Qabel ma daħal l-Università huwa fetaħ trieqtu bis-saħħa ta' dehnu u għaleb kemm-il mewġa u għalhekk nistgħu ngħidu li kien il-bennej tal-karriera sabiħa tiegħu li, miskin, f'din id-dinja ftit thenna biha, għax kellu jinqered f'qasir il-għomor. Nibdew biex ngħidu li kien bin nies tar-raba' u moħħu u l-ħeġġa tar-rieda tiegħu ġagħluh jitlaq l-imgħażqa għax-xogħol tal-pinna.

Twieled Għawdex fid-19 ta' April tal-1891 u beda t-tagħlim tiegħu fl-Iskejjel Elementari tal-Gvern, Għawdex, u, wara, mbagħad kompla l-istudji tiegħu fis-Siminarju ta' Għawdex. Daħal igħallem bħala Assistent Surmast fl-Iskola tal-Gvern tal-Għarb, Għawdex, bil-ħsieb li jilħaq Surmast, iżda t-tjubija ta' qalbu, b'inkejja ta' risqu, telfitlu l-karika għax f'eżami kompetetiv inqabad inewwel it-tweġiba ta' problema lil wieħed minn sħabu. Dana mill-banda l-oħra safagħlu f'ġid għax b'riħet hekk hejja ruħu għal tarġa iżjed għolja f'ħajtu, u b'hekk fl-1913, sew sew ta' 22 sena huwa għadda *cum laude* mill-eżami tal-Matrikola u beda l-istudji għal avukat fl-Università ta' Malta. Fl-1919 ħa l-lawrja u beda jaħdem il-professjoni tiegħu Għawdex. Sentejn wara, meta f'Malta ġiena l-Gvern Responsabbli, l-Avukat Micallef kien diġa kiseb isem għall-ħila tiegħu professjonali u pulitika, u fl-elezzjoni ta' l-Ewwel Legislatura kien wieħed mit-tliet membri nazzjonalisti ta' l-Assemblea Leġislativa li telgħu għal Għawdex.

Fost it-taħbit tad-dmirijiet tiegħu professjonali u parlamentari huwa qatt ma nfatam mill-ġibdiet kbar li kienu tnisslu u xegħlu fih u baqgħu marbutin ma' qalbu minn żgħużitu; waħda li twieldet miegħu ġewwa l-ħitan ta' daru, li hija dik tal-biedja, u l-oħra li tnisslet fih ma' l-ewwel ktieb li fetaħ biex jitgħallem xi ħaġa, li hija dik ta' l-istudju xjentifiku tal-Lsien Malti.

Din il-ġibda li kellu għall-Malti u li għaliha kien sar magħruf fost l-aħjar kittieba, ġagħlet lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti sa mill-bidu tal-ħolqien tagħha, fl-14 ta' Novembru, 1920, tagħżlu flimkien mas-Sur Ġanni Vassallo u mal-Mons. Dun Pawl Cauchi, bħala wieħed mill-membri tal-Kummissjoni (għal Għawdex) biex isir Rapport fuq ir-Reguli ta' l-Ortografija li wara dehru miġburin fi ktieb taħt l-isem ta' "Tagħrif fuq il-Kitba tal-Malti" li ħareġ fl-1924 mill-Istamperija tal-Gvern. Huwa raġa' deher bħala Membru tal-Parlament għal Għawdex mill-1927 sal-1932, fil-waqt li fl-1932 sa sena wara, jiġifieri sakemm intilfet il-Kostituzzjoni huwa laħaq Ministru tal-Biedja u tas-Sajd, Ministru tal-Biedja u tal-Ħaddiema u Ministru *ad interim* ta' l-Edukazzjoni. Wara t-telfa tal-Kostituzzjoni l-ħrara tiegħu biex imexxi 'l quddiem il-biedja tal-Gżira u l-ħila tiegħu fis-sengħa tar-raba' ġagħlu l-Awtoritajjiet tal-Gvern jixħtu għajnejhom fuqu u għażluh biex jimla l-karika battala ta' Direttur tal-Biedja li huwa ħadem fiha b'dehen u ħila liema bħalha sakemm kellu jagħlaq għajnejh għal dejjem.

Meta kien Membru tal-Parlament, kif ukoll meta kien medhi bix-xogħol iebes ta' Ministru, u f'dawn l-aħħar snin, ta Direttur tal-Biedja, huwa dejjem sab iż-żmien biex jissokta l-istudji tiegħu ta' l-ilsna orjentali, fosthom il-Għarbi, il-Lhudi u s-Sirjak u jqabbilhom ma' ilsna oħra ta' nisel semitiku, kif ukoll mal-Malti. L-istudji tiegħu ma kinux jieqfu fuq il-filoloġija ta' l-ilsna orjentali, iżda wkoll fuq dik ta' l-ilsna neo-latini. Huwa kien dejjem jisraq minn kull żmien battal li jkollu, u jishar il-ljieli biex jilħaq ma' dan ix-xogħol. Il-kotba tiegħu kienu kollha fuq studji filoloġiċi u arkjoloġiċi, miktubin mill-aqwa awturi moderni magħrufin fil-fergħa ta' dawn ix-xjenzi, u l-librerija tiegħu nistgħu ngħidu hija waħda mill-isbaħ u l-aqwa ġabra ta' kotba tal-Lingwistika fil-Gżira. Il-mogħdija taż-żmien tiegħu kienet tkun qalb dawn il-kotba u dawn jidhru li kienu l-egħżeż ħbieb tiegħu fid-dinja li għalihom ħela ġidu u għaqlu.

Fost ix-xogħlijiet li kien ħadem fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu, li l-biċċa l-kbira ħalliehom manuskritti, kienu: "L'Elemento Neolatino nel Lessico Maltese ossia l'Origine Romanza della Nostra Cività" artikoli fuq il-atar ta' kliem sqalli u taljan li tħallat ma' għeruq ta' kliem malti jew li fil-Malti xxiebah fis-sens, u ta' frażijiet sqallin jew taljani b'libsa maltija, maħdumin fuq dokumenti lessikali u fonoloġiċi, artikoli li dehru fil-"Malta" ta' Frar-Marzu, 1931,

"Lessons on Maltese Grammar", 21 artikolu li dehru fil-"Malta Chronicle" bejn Awissu, 1935 u Jannar, 1936 fuq il-Morfoloġija Maltija. Fihom jitkellem fuq l-Alfabet, u l-Verb u jagħlaq bil-Bini ta' kliem verbali, aġġettivi, sostantivi, eċċ. It-traskrizzjoni hija tal-Għaqda għalkemm juri li ma jaqbelx għal kollox ma' xi ittri tagħha għax deherlu li ma jagħtux skond ix-xjenza l-ilħna kollha fil-Malti. Hawn il-ħabib tagħna Ġużè Micallef kien wera xi reqqa żejda, kif mill-bqija kienet id-drawwa tiegħu, fejn ukoll tidħol il-kitba popolari, bla ma jagħżel bejn letteratura u xjenza, ħaġa li kienet żammitu għalih marbut mat-teoriji tiegħu li kienu iktarx analitiċi milli sintetiċi, u għalhekk ma jistax iġerragħhom il-moħħ ta' kulħadd, ukoll ta' nies li studjaw il-Malti. It-tagħrif grammatikali li fihom dawn il-lezzjonijiet huwa wieħed mill-isbaħ studju morfoloġiku li s'issa sar. Fit-taqsim tal-Verb u Bini ta' kliem jidher li huwa mexa fuq il-falsariga tal-Grammatika Għarbija ta' Wright. Xi ftit snin qabel huwa kien ħareġ xi żewġ artikoli fuq l-istess ħaġa fit-"Teacher".

Fil-Memorandum fuq il-Lsien Malti: "Maltese Language, its nature and paternity, etc.", li kien qara quddiem il-Kummissjoni Rjali fid-29 ta' Mejju, 1932, l-Avukat Micallef kien fisser il-fehma tiegħu fuq il-għamla, in-nisel tal-Malti bħala fergħa tal-Lsien Għarbi, in-nuqqas tiegħu u x-xkiel biex jidħol fil-Qrati. Galkemm l-Avukat Micallef wera f'dan il-Memorandum reqqa ta' dehen fil-fehmiet tiegħu dwar in-natura, iċ-ċirkostanzi storiċi, u t-tixbih tal-Lsien Malti ma' Ilsna oħra li tħallat magħhom ħwejjeġ li hum jiffurmaw il-bini kollu tal-Lsien Malti tal-lum, l-iskop politiku ta' dak il-Memorandum ma satax jinħeba taħt l-argumenti qawwija ta' punti storiċi u filoloġiċi.

Studji oħra fuq il-filoloġija komparativa huma xi manuskritti miġburin f'artikoli, oħrajn imxerrdin, fosthom insemmu dawn : *The Goddess Anat* —A poem of Ras Shamra. V. Ab. B. *A revised Translation on the Translation of the Poem publised in the Mission of Ras Shamra.* Tome IV. *La Deesse Anat* par Char. Virolleaud (1938). *The Semitic Family of Languages* — Introduction to the Lessons on Maltese Grammar given at Flores College, 1936-37. *Arabic and the Translation of Ras Shamra Tablets. The Ras Shamra Discoveries and their bearing on the Old Testament. Article on Easter on the Vernal Equinox. L'Elemento Neo-latino nel Lessico Maltese* aggiunte al Romanisches Etymologisches Norterbuch de W. Meyer Lübke (1930). *L'Elemento*

*Greco-Romanico nel Dialetto Maltese.* Barra minn dawn, Taħdita li kien qara fuq il-Proċess tal-Kundanna ta' Kristu.

Kif naraw minn din il-lista ta' xogħlijiet li ħalla warajh, l-Avukat Micallef kien għamel studju speċjali fuq l-Iskrizzjoni (Versi) ta' Ras Shamra magħrufa bl-Isem ta' l-"Alla Mara Anat", u milli jidher kien bagħat xi traduzzjoni tiegħu wara dik li kien għamel Virolleaud li, kif jingħad, l-Editur tas-*Syria*, il-magħruf Orjentalista R. Dussaud Segretarju Perpetwu ta' l-"Academie des Inscriptions et Belles Lettres" kien wettaqhielu u fissirlu li xtaq iġibhielu fis-*Syria*, waħda mill-aqwa rivisti ta' l-istudji orjentali.

Iżda l-akbar biċċa xogħol li huwa għamel u rnexxielu jiġbor kienet dik dwar in-Nisel ta' l-Egħruq Semitiċi (*Origin of Semitic Roots*) li fuqha kien hejja taħdita li kellu jaqra fi Bruxelles, il-Belġju, is-sajf li għadda, fil-Kungress tal-Lingwisti wara li saritlu stedina personali mill-President. F'dan il-Kungress, li mħabba l-gwerra li nqalgħet ftit qabel ma ltaqax, huwa kien sa jidher bħala Membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

F'din il-biċċa xogħol, kif stqarrli ġurnata qabel ma miet, kien sab il-muftieħ tal-formazzjoni tal-verbi trilitteri u kwadrilitteri—kixfa, li billi baża' li ma kienx jilħaq jippublikaha qabel ma jmut, fisser ruħu miegħi li kienet waħda mit-teoriji ġodda li kellha tqalleb il-prinċipji li s'issa kienu mxew fuqhom il-filoloġi dwar in-nisel ta' l-egħruq semitiċi u xtaq li jiena nkun naf biha u ngħożżha.

It-teoriji ta' din il-kixfa filoloġika huma mwettqin b'vokabularju ta' kliem li juri l-bini ta' dawn il-verbi, li, jekk wieħed jistampah, jista' jingħaqad fi ktieb ġmielu. Din il-biċċa xogħol ma tidhirx li hi mitmuma minn kollox u iktarx jiħtiġilha min jifliha sewwa, jimla xi vojt 'l hawn u 'l hinn, u jiġborha qabel ma tingħata għall-istampa.

Il-ħolma ta' l-Avukat Micallef, li kien ilu minn snin ihewden biha, kienet ukoll li joħroġ Rivista ta' Studji Orjentali, taħt l-isem ta' *Vox Melitensis*, fejn il-ftit studjużi Maltin tal-Ilsna Orjentali fosthom il-Malti u Ilsna oħra li l-Malti tħallat magħhom, flimkien ma' studjużi oħra ta' barra minn Malta, ikunu jistgħu jieħdu sehem b'artikoli ta' studju filoloġiku. F'din il-ħidma l-Avukat Micallef kien għaqqad miegħu lill-Professur Saydon u lili. L-artikoli kienu diġà nbagħtu barra minn Malta biex issir l-istima ta' l-istampa tar-Rivista, iżda sew sew meta l-Avukat Micallef kien wasal fit-tarf ta' ftehim ma' Dar Editriċi f'Londra u ġabar il-biċċa

l-kbira tal-materjal li kellu jidher fl-ewwel numru, il-mewt kiefra ħatfitu qabel iż-żmien u għal-għarrieda, u b'hekk il-għażiż ħabib tagħna mal-karti li ħalla warajh, u li fihom jinsab il-qofol tal-ħidma tiegħu fil-qasam tal-filoloġija komparativa, ħallielna wkoll din il-biċċa xogħol mibdija minnu biex nissuktawha aħna.

L-Avukat Micallef, wara marda ta' bil-kemm xahar meta ħadd ma kien jistennieha, għal ħabta ta' nofs in-nhar tat-8 ta' Frar, 1940, għalaq għajnejh, tista' tgħid, qalb il-kotba u karti li ftit sigħat qabel kien għadu jhewden fuqhom.

Nittamaw illi 'l quddiem inkunu nistgħu nżejnu l-faċċati ta' din ir-Rivista li bi ħsiebna noħorġu, jekk ikollna l-flus, bil-ħsieb l-ewwelnett li ntemmu x-xewqa ta' ħabibna, u t-tieni biex din il-biċċa xogħol li tagħha kien il-Fondatur, tibqa' bħala waħda mill-egħżeż tifkiriet tiegħu li biha kien bi ħsiebu jgħolli s-siwi u l-ġieħ ta' Lsienna fil-għalqa ta' l-Istudji Lingwistiċi.

Jalla kull min jinġibed għall-Malti u għall-istudju tal-Filoloġija ikun mixgħul bil-ħrara safja bħalma kien hu. L-Avukat Micallef qatt ma studja l-Malti bil-ħsieb li minnu jistgħall biex jimla l-but; iżda, bil-maqlub, nistgħu ngħidu li din il-ġibda tiegħu għall-Malti faqqritu u mħabba fiha ħalla wara spallejh kull hena tal-ħajja, jekk ukoll ma kenitx ta' ħsara għal saħħtu u nofs il-kaġun ta' mewtu. Fl-istudju tal-Malti huwa, bi ħsara ta' saħħtu, kien isib l-isbaħ sigħat ta' ħajtu u fih kien ifarraġ qalbu mid-dwejjaq tad-dinja u ta' xogħol iebes bħal dak li kien qiegħed fih bħala Direttur tal-Biedja. Iżda Alla sejjaħlu għax riedu Miegħu biex jagħtih dak il-ħlas li jistħoqqilhom dawk l-erwieħ it-tajba li fit-taqbidiet tal-ħajja stmerrew iż-żina u l-kummerċ tad-dinja u b'għerfhom u bi tjubithom għaxu għal nieshom, għal uliedhom u għall-ġid ta' għajrhom u ta' Art twelidhom.

A. Cremona.

# LEGIO MARIÆ

## TFAJLIET *

Le, le mhux dawk li malli troxx id-dalma
Johorġu jiġġerrew f'naħiet imwarrba,
U jaħlu qalbhom f'imħabbiet bla sedqa,
U fi kliem fieragħ:

Dawn tfajliet oħra, ward ta' safa u ħlewwa;
Kollha bejn is-sitt snin u t-tnax-il sena;
F'għajnejhom kwieti l-ebda dell ma jidher
Ta' ħsieb imdardar.

Xi mija wi tletin, xi drabi iżjed,
Waħda waħda, tnejn tnejn, jew tlieta tlieta,
Jinġabru nhar ta' Ħadd kif jisbaħ sewwa,
Fil-knisja sbejħa

Ta' l-Orsolini ta' Tas-Sliema : kollha
Kif jixraq liż-żmien tagħhom u kif titlob
It-taqsima tas-sena, ndaf u mżewqa
Fil-lbies, fid-dafra.

Kif jidħlu fid-dar t'Alla—hekk kif darrewhom
Jagħmlu xebbiet tad-Dejma ta' Marija—
Jitfgħu ħarsithom fuq l-Artal fejn jgħammar
Kristu li fdiena

* Kull nhar ta' Ħadd, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, xi mija u tletin tifla ta' bejn is-sitt snin u t-tnax-il sena u xi għoxrin tifel, kollha taħt it-tmien snin, jinġabru fil-knisja tas-Sorijiet Orsolini ta' Tas-Sliema, fejn, għal xi siegħa jew ftit iżjed xi xebbiet tal-"Legio Mariæ", fergħa qawwija tal-"Actio Catholica", igħallmuhom kif iġibu ruħhom fil-knisja, kif iroddu s-salib, kif jagħmlu ġenufles-sjoni, kif igħidu t-talb tagħhom, u flimkien jagħmlu żjara lil Ġesù Sagramentat; wara jfissrulhom kliem tad-Dutrina Nisranija, igħidulhom xi ħajja ta' qaddis jew xi Storja tal-Bibbja u ssirilhom ukoll spjega qasira tal-Vanġelju tal-ġurnata.

Din il-poeżija ma hix ħlief daqsxejn ta' deskrizzjoni ta' dak li jsir f'dawk il-laqgħat.

D. K.

U sar Ħobż tagħna: u, ngħidlek, fihom għaxqa
Tarahom jadurawh b'rashom iċ-ċkejkna,
Fil-waqt li r-rkobba tal-lemin tiltewa
Sa l-art quddiemu.

U taf kull waħda ssib is-siġġu tagħha,
U tistenna bis-sabar u bil-ġabra,
B'idejha marbutin, jew ġo ħoġorha,
Sa ma l-ħin jasal.

Imbagħ'd il-koll flimkien, malli jsir l-ámar,
Jinżlu qajl qajl fuq ir-rkobbtejhom, siekta;
Iroddu, kif imiss, salib fuq s'dirhom
U tibda ż-żjara.

Min hu poëta u jara ġewwa knisja
Dik il-ġemgħa tfajliet fil-ftuħ tal-ħajja,
Ifantas ġnien ifuħ bil-ward u s-susan
Ħuġġieġa waħda.

Xi mija wi tletin ilħna tal-fidda
Itennu: "X'ħajr sibt fina, ja Mulejja,"
U ma' l-Emmna, mat-Tama u ma' l-Imħabba
Jinsġu l-"Missierna."

Isir imbagħ'd xi ftit tagħlim ta' fejda
Lil dawk l-erwieħ li ma ġarrbux id-dinja,
U kelma bnina fuq l-Aħbar-it-Tajba
Li nieda Kristu.

Wara talba ta' serħ għal min ħalliena
U kien qabilna f'dan ix-xogħ'l, tislima
Lis-Sultana tal-Ħniena, il-Ħajja, il-Ħlewwa,
U t-Tama tagħna.

Fl-aħħar il-ħruġ, bil-qajla bħalma kienet
Id-daħla; u biex sat-tmiem tibqa' sabiħa
Il-laqgħa tat-tfajliet li saru tagħna
Fil-knisja t'Alla,

Xi wħud mill-imfarfrin, ma' tul il-ħarġa,
Igħannu: "Nadurawk, ja Ħobż tas-sema."
Imbagħ'd is-skiet. Fil-knisja ċkejkna tibqa'
Riħa tal-Ġenna.

DUN KARM.

20. 2. 40.

# ĦSIBIJIET IMXERRDA

## TGEMGIM

Għala tgemgem, ħija, jekk il-għawġ li ġie fuqek, kbir jew żgħir li hu, mhux ħlief wild għamilek u ħsibijietek ?

Meta kien għad kellek lil missierek jiftaħlek għajnejk kont għadek wisq bla għaqal biex tqis kliemu kif kien xieraq; iżda issa li nftamt minnu, u bdejt taħseb għal rasek, ma tista' tlum lil ħadd !

Għid: "Ħtija tiegħi" u fittex li twarrab minnek il-għawġ bla tgemgim. Jekk ma tistax, għax tħossu għalbek, stabar u ara kif tinsa.

*

Hekk qal il-għaref lill-iblah, lejla waħda. x'ħin rah f'rokna fid-dlam bla għata jirtogħod bil-bard u bil-guħ.

U l-iblah qallu "Iva", u għalaq fommu u għaddas rasu bil-mistħija.

U fis-sabar sab il-hena li kien tilef; u nesa d-diqa u għex.......

*

Għaddew is-snin u l-iblah li sar għaqli kien għaddej minn fejn kien iltaqa' mal-għaref f żgħużitu, u lemaħ lil xi ħadd mitluq u mterter fejn darba kien qiegħed hu, jitniehed u jisħet xortih.

Resaq fuqu u bl-akbar ħlewwa tennielu kulma kien sama' lill-għaref igħid lilu żmien twil qabel. U sabbru u hennieh....

*

Hekk sejra d-dinja !......

## XEWQAT

Qatt iltqajtu ma' xi ħadd li jkun jixtieq jorqod... jorqod... jorqod, bla ma jmut, biss biex jistrieħ, u bit-tama li jibqa' bla ma jinqata' minn niesu, minn ħbiebu u minn ta' madwaru, li jkun laħaq ħabb u għażż? Jew ma' xi ħadd ieħor li jkun jixtieq jiekol... jiekol... jiekol, bla ma jixba', biss biex jithenna jtiegħem u jomgħod, u bit-tama li dak li jduq ma jdejqu qatt u li jsib fih dejjem il-ġdid ?

Wara ikla kbira u tajba, raqda twila u mistrieħa hi kulma jrid il-bniedem wikkiel u raqqadi; u dawn kienu l-isbaħ ħolma tan-nies għonja fiż-żminijiet l-imgħoddija fil-*Magna Grecia* u f'Ruma ta' Ċesare.... li sfaw fix-xejn !

*

Minn dejjem tnejn kienu l-aqwa xewqat tiegħi.... u t-tnejn ikolli, sa ma mmut, nibqa' b'riħithom... Għax biex naqtagħhom irrid immut !....

U jiena, bħall-wikkiel u bħar-raqqadi, irrid nibqa' nit-henna u nara lil niesi, lil ħbiebi, lil ta' madwari...

*

Biss l-irtubija tal-mitraħ u l-benna tal-ikel ma jiġbdunix ! U nħossni hekk miġbud lejn xogħli li hu għal qalbi u li mhux żgħir lanqas, illi l-mejda ma tħajjarnix u s-sodda ma tiġbidnix !

Irrid ma niekol qatt u ma jagħtini qatt ġuħ ħlief ta' ħid-ma biex, qabel ma nwilli, dak li nixtieq nagħmel nilħaq nagħ-mlu. Irrid ma norqod qatt u ma jagħtini qatt ngħas biex il-ħolma kbira li qed noħlom ma naħsibha qatt ħolma !

Dawn huma ż-żewġ xewqat kbar tiegħi li ma nista' qatt inwettaq !

ERIN SERRACINO-INGLOTT

# IL-MASTRUDAXXA

Xagħar abjad qotna, leħja xehba u twila,
f'daqsxejn ta' kmajra, qalb il-għodda tiegħu,
mis-sebħ sad-dlam, fil-ħidma iebsa w tqila,
hemm jaħdem xwejjaħ, dejjem sejjer driegħu.

Jinsa fix-xogħol kemm hi l-ħajja qalila;
jinsa fix-xogħol min kellu x'jaqsam miegħu;
jinsa l-moħqrija w l-għajb tan-nies bla ħila
u d-dmugħ li tixtri rħis u bl-għali tbiegħu.

Fil-kamra jwerżaq is-serrieq, u taqa'
l-għuda maqtugħa. Iħabrek: xogħol għad baqa'...
Ma jafx igħid 'għajjien', biex jarmi l-ħin.

'Mma ħdejh, xagħru tad-d'heb, għajnejh ferħana,
jaħdem tgħidx kemm, f'idejh martell jew ċana,
tfajjel sabiħ u ċkejken—il-Bambin.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# NEMMEN...

Miexi, waħdi, qalb firxa ta' ħdura,
Fuq il-ħdura tan-nida, l-qatriet
Bħal djamanti jilmaw fl-ewwel dija,
Li qed tfiġġ minn ġo ħdan is-smewwiet.

Miexi waħdi. Il-leħen taż-żiffa
Qed iħannen bil-ħlewwa lill-ward.
Rashom qajmu l-agħsafar; tmellisa
Għaddiet fuqhom ta' reżħa w ta' bard.

Miexi w naħseb. Fil-moħba ta' ħsiebi,
Rajt jitqalleb bħal baħar ta' dmugħ;
Rajtha l-ħajja bħal dgħajsa titbandal
Taħt sħab ikreh fis-sema miġmugħ.

*

Naħseb kont fuq l-imħabba li torbot
F'siegħa hienja żewġ qlub imwegħdin,
Dik l-imħabba li ttuq u li ssaħħaħ,
L-hena tibni ġo ruħ il-bnedmin.

U ġo sidri bħal tnisslet ix-xewqa
Li rrid ngħix f'din is-saltna ta' ġmiel:
Inħobb 'l għajri, lil niesi, lid-dinja
B'għaxqa w ħlewwa li b'xejn ma titbiel.

Għax jien nemmen: f'qalb ħielsa w maħbuba
Tista' tgħix dis-sultana ta' ferħ;
Fejn hemm hi, hemm id-dija tal-hena,
Fejn hemm hi, hemm bħal għanja ta' serħ.

*

Imma l-ħsieb minn dal-kobor ta' ħolma,
Kollox ħlejju, għaxxieqi w sabiħ,
Rajtu jaqbad triq oħra w jitmiegħek
Hemm fejn jonfoħ u jwiegħer ir-riħ

Tal-mibegħda li tagħfas bla rażna,
Tal-mibegħda li niket iġġib,
Tal-mibegħda li tiżra', bla ndiema,
Ta' l-uġigħ u tal-mewt is-salib.

Nemmen, nemmen b'dil-kelma qarrieqa;
Jien ġarrabtha : ħassejtha ħadid
Jaħraq, jikwi, qed jagħfas fuq rasi,
L-għafsa tiegħu, flok tonqos, iżżid.

*

Għax il-qawwa ta' min, bla ma juri,
F'demmu jħaddem din l-għodda ta' qerq,
Għandha l-ħila li tkisser u tifred,
Iġġib l-għawi, is-saħta wis-serq.

Jiena nemmen b'qawwitha li teqred;
Nies taqbadhom u tarmi fit-trab,
Ġnus tkasbarhom fi xmajjar ta' dmija,
Toqtol l-għaqal fejn għaqal jinsab.

Taħdem trid sabiex teħles dil-kruha,
Biex dil-qerda ġo darek ma ssib;
Jekk int tħabrek, fuq ras min joboghdok
Rebbieħ toħroġ sa fl-aħħar, ħabib.

*

Nemmen b'qalbi, u b'ruħi, u b'ħilti
Li trid taħdem biex togħla u ssir kbir,
Tofroq snin ta' tislit u ta' kedda
Biex fil-fehma ma żżidx tibqa' fqir;

Imma għidli x'jiswielek xħin tikber
U ssib ruħek qalb l-għana wil-flus,
Jekk sar ħolma s-sliem f'darek, u l-ġlieda
Kibret iżjed m'eghdewwa bi rfus ?

Nemmen b'qalbi, u b'ruħi, u b'ħilti
Aħjar żgħir, tgħix fil-ġabra tad-dar,
Milli tilħaq fil-għoli w ġlied tiftaħ
Qalb nies ġodda ġo ħajja ta' nar.

*

Nemmen sħiħ xħin ix-xemx nara tielgħa
Fl-oħla dehra li tilmaħ l-għajnej',
Li jum ieħor qed jixgħel fis-sema,
Li jum iehor minn ħajti għaddej.

Imma l-jiem illi jkejlu il-ġrajja
  Tas-smewwiet għandhom żmien ma tgħoddux,
  Jgħaddi jum, bħalu jfiġġu bil-qtajja'
  Eluf kbar: xinhu tmiem ma jafux!

Imma għal ħajti jum jiswa, għax ċkejkna
  Din il-ħajja għalina l-bnedmin,
  Illum hawn, qed nitħaddet ma' ħbiebi,
  Min jaf għada jekk hux mal-mejtin!?

*

Jiena nemmen li ħajti qasira,
  U ta' ħajti rrid ngħaddi dal-jiem
  Mhux fil-għors, mhux fil-frugħa ħalliela,
  Imma nħabrek b'dan moħħi ħaddiem

Biex lil Malta – din l-omm ta qalb kbira –
  Ngħin kemm niflaħ kull waqt, kullimkien,
  Ngħinha tikber fil-għajn tal-barrani
  (Jekk qatt nista') bil-ħlewwa tal-Lsien.

Nemmen: f'qalbi nħoss seħer mill-aqwa
  Lejn Ilsienha mirqum bl-ogħna sebħ:
  Hemm taż-żgħażagħ il-qalb; hi li tħaddmu
  U tmexxih fit-triq kbira tar-rebħ.

*

Miexi, waħdi, fuq firxa ta' ħdura,
  Fuq il-ħdura tan-nida l-qatriet
  Bħal djamanti jilmaw fl-ewwel dija
  Li qed troxx minn ġa ħdan is-smewwiet.

Tgħid iż-żiffa lis-siġar: "Istenbħu,
  Qumu, tbandlu, u xxejru henjin."
  Tibda għanja ta' weraq . . xi ħlewwa!
  Dan għamilek, Int Alla ħanin.

Nemmen Fik, għax Int setgħa li xxerred
  Kull ma' dwari jitbissem sabiħ,
  Nemmen Fik: Int l-Imħabba, Int is-Sewwa,
  Int Fik tigbor kull qawwa ta' ġieħ.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# *EN PASSANT*

*Un po' di lana caprina*
(igħid it-Taljan).

*Amba, jambi.* Il-Professur Aquilina (f'"Leħen il-Malti" Jannar-Frar, 1940), igħid li billi t-tifsira tal-verb għarbi hi biss *xtaq* u *ried* ma setgħetx tieħu fil-Malti t-tifsira ta' *ħtieġ*, *għandu bżonn.* Iżda, xjentifikament, naħseb li mhux hekk, meta nafu li bosta kliem meta jgħaddi għal ilsien ieħor jiġi li jieħu sens ftit u xejn imbiegħed jew bħalu. Nibża' li l-Prof. Aquilina ma iċċitanix sewwa. *'Abb*, *'Abba*, (fi Tripli, flok *bgħâ=bagħa*) fil-Malti ma jidhirx li baqa' bis-sens ta' *xtaq* eċċ., iżda ta' *għandu bżonn. Għamel bi* fil-malti la jfisser *xtaq*, la *għandu bżonn* u lanqas *ħtieġ*, iżda *iddispona.* Bejn *xtaq* u *għandu bżonn* id-divrenzja hija inqas minn dik ta' bejn *għandu bżonn* u *iddispona.*

Il-Prof. Aquilina jrid igħid: bil-Malti qatt ma ngħidu *nambi niekol* flok *irrid niekol* bħalma jmissna ngħidu ladarba fil-Għarbi *'abba* tfisser *xtaq*, *ried.* Il-verb *'abba*, kif naħseb jien, jintuża fil-Malti bis-sens ta' *ħtieġ* u jinbena billi jieħu *x* fil-bidu (*ax* għarbija=*ax tibbi*?=x'tambi ?) u s-suffiss pronominali fit-tarf u ma nużawhx biex ngħidu *ried*, *xtaq*; iżda b'sens iżjed wasa'. Verb jista' jkollu sens li, ma' *verb ieħor*, m'għandux jew jitilfu, għalhekk fejn nista' ngħid *jien għandi x'nambih* ma nistax ngħid *nambi niekol*, iżda skond il-kostruzzjoni u x-xeħta maltija jkolli ngħid, *għandi bżonn* jew *nixtieq niekol.*

Xi studjużi tal-Għarbi jaħsbu li *amba*, *jambi* hija s-Seba' forma ta' *bagħa(j)* jew *bgħâ*, Trip., hekk illi *anba* jew *amba* huma l-Għarbi *'anbagħa*, u *janbi* jew *jambi* huma l-Għarbi *janbagħi* jew *janbgħi.*

Qabbel l-Għarbi ta' l-Alġerija: (Belkassam Ben Sedira) taħt *falloir=kama janbegħi*= kif jinħtieġ.

*Aħ—Ħu* (*aħ*). *Aħ* hija kelma u *ħu*, (*aħ*) oħra. (Ara Vassalli u Falzon). *Aħ* bis-sens ta' *alas* fil-Vassalli hija bl-*ħ*, (*ħa* għarbija) u *ħu* bis-sens ta' *ħu* (brother) hija l-*ħ* (*kha* għarbija).

*Aħwa* bħal fil-Għarbi hija l-plural ta' *aħ*=*ħu*. Mhux biss fit-Tanġier iżda wkoll fit-Tripolitanja huwa *ħu* sing. *ħut* plural. Is-suffissi pronominali jaqblu, iżda fil-Malti fl-ewwel persuna singular flok *ħwi*+*ja* jagħmel *ħija*.

*Ċinkwina.*—Biċċa munita ta' żmien l-Ordni li kienet tiswa ħames ħabbiet ($\frac{5}{12}$d) ta' sold Ingliż. Niftakru li s-sistema tal-munita ta' dak iż-żmien kien imqassam bl-għaxriet (deċimali). Din il-kelma beqgħet tinsama' fil-qawl *ċinkwina ħames ħabbiet* li jwieġeb għal dak l-ieħor ta' *xiku briku* mill-Isqalli *sceccu buriccu* li jfisser żewġ ħwejjeġ li huma l-istess.

Osservazzjonijiet oħra filoloġiċi għal meta l-Editur igħid-li li jkollu l-wisa'.

A. C.

# IN-NOVELLA

In-novella maltija għadha fi twelidha. Novelli miktubin bit-teknika li jitolbu, għandna wisq ftit. Mhux bi ħsiebni nagħżel bejn it-tajbin u l-ħżiena. L-għan li miexi fuqu huwa li ngħid fil-qosor x'taħtieġ novella biex tkun miktuba tajjeb.

Mijiet ta' novelli bl-ingliż jitwarrbu kulljum minn mexxejja ta' "magazines" u rivisti oħra għal żewġ raġunijiet ewlenin: 1) għax ma jkunux miktubin tajjeb biż-żejjed biex ma jdejqux lill-qarrejja; 2) għaliex in-novella hija magħduda bħala fergħa tal-letteratura.

Novelli bil-malti għandna kemm trid; iżda, kemm minnhom kienu jaraw id-dawl li kieku kienu miktubin bl-ingliż?

L-aktar ħaġa li tqarraq bil-kittieba maltin hija l-emmna li n-novella tkun sabiħa jekk tkun miktuba b'malti sabiħ, imsawwar b'deskrizzjonijiet imlewna ta' mkejjen, ta' nies u ta' drawwiet, u bi ħsebijiet għolja mfissra b'ħafna kliem jolqot u jsaħħar.

Meħtieġa l-kelma sabiħa; iżda l-kelma waħedha ma tagħmilx in-novella. It-teknika hija l-qofol ta' kollox. Hemm wisq x'wieħed igħid fuq din il-ħaġa. B'xorti ħażina, bil-malti għad ma għandna l-ebda kitba fuqha. Għalhekk, naraw xi jgħidu nies kbar barranin dwar din ix-xorta ta' kitba.

L-ewwel ftit tagħrif, jew aħjar, tagħlim u twiddib, insibuh f'kitba ta' Sir Arthur Quiller-Couch.

"Meta tagħmel il-ħsieb li tikteb novella, ikunlek wisq ta' siwi li żżomm quddiem għajnejk illi dak li trid tikteb huwa NOVELLA, u, la darba din hija *ġrajja qasira*, titlob teknika għaliha.

"In-novella ma tintesiġx b'tiswir ta' deskrizzjoni ta' xi mkien, b'riflessjoni jew tnejn fuq il-ħajja, jew b'wiri ta' ħsus il-qalb.

"In-novella li tistħoqq isimha, għandha l-ftuħ, in-nofs u l-egħluq; in-nofs imnissel mill-bidu u jwassal għat-tmiem b'damma ta' ġrajjiet, meħtieġa jew siewja.

"In-novella tħaddem fil-qosor il-bidu billi ssemmi lilu u l-*mise-en-scene* fi ftit kelmiet mexxejja u li jolqtu, jew tħallih jiġi "moqri lura", muri f'retrospettiva fin-nofs u fl-aħħar, waqt taħditiet tal-karattri.

"In-novella ssus jew fuq ġrajjiet ewlenin fin-nofs jew fl-aħħar.

"In-novella hi mġiegħla mill-qosor tagħha n-nfisha li ttarraf u mhux tfisser.... Hija titlob sehem ta' sforz il-ħsieb mill-qarrej

"In-novella, kemm hu hekk, tgħid: 'Jiena nagħtik il-karattri, il-qagħda, il-punt jew punti ewlenin, u nħalli fi ħsiebek li timla' l-bqija.' "

Issa, naraw xi jgħid Kennedy Williamson billi nġibu xi siltiet mill-ktieb tiegħu, "*Can you write Short Stories* ?"—

"Novella hija rakkont qasir u immaġinarju li jsawwar karattru wieħed ewlieni, u li fih nisġa ta' ġrajja illi l-irqaqat tagħha, huma hekk magħsurin u t-tiswir hekk maħdum, li jiġbru fihom impressjoni waħda.

"Novella fiha damma ta' kriżi minsuġin waħda ma' l-oħra u kollha jqarrbu lejn l-egħluq.

"Wieħed mill-aqwa xogħlijiet tal-kittieb tan-novella huwa li jsawwar il-karattri tiegħu hekk naturali li dawn jolqtu 'l-

qarrej bħala bnedmin tassew u mhux bħala figurini mħaddmin mekkanikament biex jinsġu ġrajja.

"Il-qarrej, aktarx dejjem, għandu jkun mogħti xi ħjiel fuq id-dehra tal-karattri. B'danakollu, il-kittieb, fil-waqt li jkun jagħti dawn il-ħjiel, tajjeb li jkun imwiddeb biex ma jtawwalx b'ħafna rqaqat li jdejqu. L-aħjar li wieħed iwaqqaf ħsiebu fuq dawk il-karatteristiċi li ma jkunux tas-soltu jew li jkunu jagħtu fil-għajn.

"Meta tkun xi ġrajja ta' mħabba, ta' min iwissi b'qawwa li jitwarrbu l-irqaqat fid-deskrizzjoni tad-dehra tal-persunaġġi ewlenin. Qarrejja li jħossu li jkunu jħobbu tassew jew jhewdnu bl-imħabba, jilmħu u jaqraw il-maħbubin tagħhom fil-karattri romantiċi li jiġu msawra fil-kitba.

"Tfittixx li tibda novella b'deskrizzjonijiet ta' dehriet. Dawn jitħallew isiru biss sakemm l-għan tagħhom ikun li jaqdu ta' għajnuna fil-wiri tal-karattri.

"M'għandekx iddaħħal ħafna karattri f'daqqa. Hemm wisq x'wieħed igħid fuq id-dħul tal-persunaġġi wieħed wieħed ; iżda, kien x'kien, mhux aktar minn tnejn għandhom jissemmew b'isimhom fl-ewwel 200 kelma.

"Ismijiet ta' persunaġġi li jkollhom sehem ċkejken fil-ġrajja m'għandhomx jissemmew.

"Qis li ma ssemmix irqaqat li għalik ikunu familjari, iżda għall-qarrej ikunu ġodda u ma jiftehmux.

"Tintilifx fuq l-imgħoddi billi tieħu fit-tul. Il-qarrej għandu jkun mgħarraf malajr u fil-qosor kemm jista' jkun fuq dak li jkun ġara qabel il-ġrajja li tkun tirrakonta; madankollu, dan għandu jingħad meta l-ġrajja tkun ġa bdiet.

"Qatt tgħid x'ġara meta l-istess ħsieb tista' tfissru b'għemil fil-ġrajja n-nfisha.

"Żomm il-ġrajja miexja u uri l-virtujiet u n-nuqqasijiet tal-karattri tiegħek f'għemilhom li jkollu sehem sħiħ fil-ġrajja.

"Id-djalogu, barra minn għal ħwejjeġ oħra ta' ħtieġa akbar bħalma huma l-wiri ta' karattri u l-insiġ tal-ġrajja, jista' jaqdi ta' ħtieġa billi jagħti tagħrif lill-qarrej.

"Bċejjeċ ta' kitba li jaqdu għall-għoti ta' tagħrif huma, aktarx, dejjem ħżiena. Id-djalogu għandu jeħdilhom posthom; għandu vantaġġi bla qies fuqhom. Minnflok jiġġenneb bi ġrajjiet l-imgħoddi, ir-rakkont jibqa' għaddej. B'hekk ħafna retrospettiva tkun imwarrba."

Nieħdu, issa, xi twiddib minn lezzjonijiet tal-"*London School of Journalism*":

"L-effett tiegħek tħassru jekk tikteb iż-żejjed dwar il-karattri u titlifhom f'retrospettiva twila. Dan kollu jdejjaq lill-qarrej u wkoll itellef lil-mixi tar-rakkont; u huwa sewwa sew f'din il-ħaġa li għandu jqum l-interess.

"Il-qarrej l-aktar li jimpurtah mill-egħmejjel u l-kontra-egħmejjel tal-karattri ewlenin.

"Fil-kitba qatt tieqaf biex tagħmel riflessjonijiet jew biex timmoralizza.

"L-attenzjoni tal-qarrej għandha tinġibed mill-ewwel u l-ġibda għandha tinżamm tul il-ġrajja. Il-ġrajja jaħtieġ li tibqa' miexja dejjem 'il quddiem. M'għandhiex terġa' lura. Xejn ma għandu jkun hemm li jfixkel lill-qarrej bid-damma tal-ġrajjiet.

"Kull ħaġa li tiġri għandha żżid il-qagħda drammatka u tqarreb dejjem lejn l-egħluq."

Dawn il-punti ewlenin dwar il-kitba tan-novella mhumiex regoli. In-novella ma hi marbuta bl-ebda regoli. Huma twissijiet u twiddib, minn nies li huma mħarrġin biż-żejjed f'din il-fergħa tal-letteratura, għall-kittieba ġodda biex dawn ifittxu li jiktbu n-novelli tagħhom bi stil li l-lum huwa magħdud bħala l-aħjar fost kull stil ieħor li n-novella nkitbet bih fl-evoluzzjoni tagħha.

Għażilt dawn il-punti fost kollox għax deherli li huma l-aktar li jolqtu n-novelli maltin fl-għeltijiet tagħhom.

ĠUŻI MALLIA.

**Wasluna** : *Word ta' Qari Malti*, it-tielet ktieb, tal-Professuri P.P. Saydon u Ġ. Aquilina; *Is-Salib tal-Fidda* ta' Wistin Born; *Sħaba Sewda u tnax-il Novella oħra; L-Għajn tas-Saħħa* ta' S. Agius; *Dun Mikiel Xerri* ta' S. Mifsud. Nitkellmu fuqhom darb'oħra.

# BIBLIOGRAFIJA

**Il-Għana ta' Dun Karm**, tliet kotba (1939-40), *Excelsior Press.*

Bis-saħħa, bil-ħidma, u bil-ħeġġa tat-tabib Ġużè Bonnici għandna f'idejna, miġbura fi tliet kotba, il-poeżiji kollha ta' Dun Karm, l-aqwa poeta Malti. L-ewwel ktieb "X'ħabb u x'ħaseb il-Poeta" iħaddan fih ġemgħa sabiħa ta' poeżija lirika, poeżija mixgħula bid-dawl ta' l-ispirazzjoni, kbira fil-qawwa tal-ħsebijiet oriġinali, ħjelija, fejjieda, sħiħa fil-għażla ta' kliem safi, mimlija b'ritmu meqjus u b'versi mexxejja. Laqtuna s-sentimenti ta' mħabba lejn art twelidna li nsibu f'ħafna mill-poeżiji, sentimenti maħruġa f'ħin ta' ferħ jew ta' niket minn moħħ li jaf jaħseb u minn qalb li taf tħobb. Araw kif il-poeta jikteb fuq Malta :

Malta, Malta, s-swar li ħammru
B'demm uliedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu l-għadu, jirbħu s-snin.

U, msaħħar minn ġmielha, iżid itarrfilha mħabbtu :

Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira
Setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
U ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

Imma, mxabba' mid-drawwiet koroh li dieħla bla lġiem f'pajjiżna, u mis-semm li qed jiġri fl-ibliet u mill-ibliet għall-irħula, jgħidilha bi kliem niggieżi u aħrax :

Kont il-warda tad-dinja u sirt bħal miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġo fik;
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha !
u d-dinja tidħak bik.

It-tieni ktieb "X'Emmen il-Poeta" jiġbor fih il-għana reliġjuż kollu. Jiftaħ bl-ewwel poeżija li kiteb bil-Malti "Quddiem Xbieha tal-Madonna", ħelwa u safja, ċkejkna imma kbira fil-ħsieb. "Is-siwi tagħha," jgħid Dr. Ġużè Bonnici, "iżid jikber meta wieħed jaħseb li hi fetħet it-triq għal kotra ta' għana ieħor u kienet ix-xrara li kebbset il-leħma ta' Dun Karm u għamlitu, minn poeta ħlejju fl-ilsien taljan, Poeta kbir fi lsienna" U ma' din il-poeżija, bħal ward li jinfetaħ, waħda waħda, ma' dħul Mejju, kollu mlewwen, bellusi, għaxxieqi, hekk, waħda wara l-oħra, jiġu fuq il-mitt poeżija oħra, mimlijin b'imħabba Nisranija.

It-tielet ktieb "X'Għamel iżjed il-Poeta" hu msawwar mill-għanjiet twal 'Il-Musbieħ tal-Mużew', 'OtiaÆstiva', 'L-Jien u lilhinn minnu', 'L-Oqbra', u minn qlib meħud minn ilsna oħra. Ma nkunux qed niftaħru b'rixna, u wisq anqas ma nitgħalltu jekk ngħidu li dawn l-għanjiet qiegħdu l-Poeżija Maltija fuq l-ogħla mafkar ta' ġieħ fejn qiegħda, kbira, qawwija, sabiħa, l-Poezija tal-lum ta' nazzjonijiet barranin.

"alla taż-żgħażagħ" Karmenu Vassallo.

Kieku kelli nikteb fuq Karmenu Vassallo bħala poeta kont kieku, b'wiċċi minn quddiem, nagħtih it-tifħir kollu li jistħoqqlu, għax hu wieħed minn dawk il-ftit li isimhom beda jiddi fl-istorja tal-poeżija Maltija. Imma bħala kritiku Karmenu Vassallo ma jolqtokx daqs kemm jolqtok bħala poeta. U għalhekk "alla taż-żgħażagħ" siltiet ta' kritka letterarja, kif sejħilhom hu, ma jasalx għal-livell għoli tan-"Nirien", ġabra ta' poeżija mill-aħjar, tifsira ħajja ta' ruħ il-poeta.

Nibda biex nistaqsi, x'ried igħid bih l-isem "alla tażżgħażagħ"? Nistqarr li għamilt mill-aħjar, imma kien kollu għalxejn, biex nasal li nifhem x'għandha x'taqsam kritka ta' xogħlijiet letterarji ma' alla taż-żgħażagħ. L-isem fantastiku ż-żejjed, u ma jwasslek għal imkien.

Difett, u dan issibu fil-biċċa l-kbira tal-kritka ta' Karmenu Vassallo, hu li jfaħħar u jgħolli ż-żejjed. Poeżija jħarsilha lejn naħa waħda n-naħa tal-qawwa, tal-ġmiel u tas-sebħ tagħha. Fejn għandu juri xi nuqqasijiet, xi għeltijiet, dan jitħalla barra.

Hemm ħaġa oħra li m'għamletx ġieh lill-ktieb, irrid ingħid għal xi bċejjeċ ta' kitba mitfugħa 'l hawn u 'l hinn li bihom il-kittieb ried jolqot bi kliem daqqiet iebes u daqqiet satiriku, lil min niggżu u lil min weġġgħu fil-laħam il-ħaj.

Neħħi xi difetti bħal dawn, il-ktieb hu biċċa xogħol li turi li min kitbu għandu matmura ta' studiji barranin, xtarr u jaf mill-qiegħ il-ħajja letterarja maltija, u daħal b'kitbitu fil-qalb taż-żgħażagħ kittieba tal-lum, ħaġa li biss poeta żagħżugħ bħalu jista' jasal għaliha.

Ġ. C.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Asst. Direttur : Ġużè Chetcuti

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba tinbagħat lil Ġużè Chetcuti, 84, Triq San Ġorġ, Bormla.

Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lin-Nutar A. Buttigieg, B.A., 266, Triq San Gejtanu, Ħamrun.